MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.

## AUDREY DEMICOLI

Seduta ta' l-1 ta' April, 2014

Numru 322/2014

**Il-PULIZIJA**

**(Spettur Spiridione Zammit)**

**vs**

**Sandra Grixti**

Il-Qorti ;

Rat li l-imputata Sandra Grixti ta' 26 sena bint Alfred u Catherine nee' Cachia imwielda Pieta fl-14 ta' Marzu 1988 u residenti 133 Triq San Bartilmew Zurrieq u detentrici tal-karta tal-identita' numru 138388M giet mressqa quddiemha akkuzata talli:

B’diversi atti maghmulin ukoll jekk fi zminijiet differenti, li kisru l-istess disposizzjonijiet tal-Ligi u li gew maghmula b’rizoluzzjoni wahda, u cioe’:

Fix-xahar ta’ Frar 2014 ghal habta ta’ 6pm mill-hanut 202 Jewellery li jinsab fi Triq Haz-Zabbar Fgura u/jew f’dawn il-gzejjer ikkommettiet serq ta’ ghoxrin ‘lucky charms’ u/jew oggetti ohra ghal valur ta’ madwar 600 ewro liema serq hu aggravat bil-valur bil-hin u bil-valur li ma jeccedix l-elfejn tliet mija u disa u ghoxrin ewro 2329.37 ewro u sebgha u tletin centezmu ghad-detriment ta’ Martin Galea mill-Qawra u/jew persuni ohra.

Matul ix-xahar ta’ Marzu 2014 f’diversi hinijiet u zminijiet mill-MAYPOLE Confectionery li jinsab fi Triq Hompesch Fgura u/jew f’dawn il-Gzejjer kkommettiet serq ta’ xorb, prodotti tal-ikel, u/jew oggetti ohra ghal valur ta’ madwar 340 ewro liema serq hu aggravat bil-hin u bil-valur li ma jeccedix l-elfejn tliet mija u disa’ u ghoxrin ewro 2329.37 ewro u sebgha u tletin centezmu ghad detriment ta’ Sebastian Debono minn Hal-Qormi u/jew persuni ohra.

Fl-istess cirkustanzi mill-hwienet Holland and Barrett li jinsab Hompesch Road Fgura u Convenience Shop li jinsab fi Triq Haz-Zabbar Fgura kkommettiet serq semplici ta’ ‘steroids’, shampoos, prodotti tal-ikel u/jew oggetti ohra liema serq hu aggravat bil-hin ghad-detriment ta’ Stefan Borg Manduca minn Tas-Sliema u/jew persuni ohra.

Fl-istess cirkostanzi xjentement laqet ghandha jew xtrat hwejjeg misruqa, mehudha b’qerq, jew akkwistati b’reat sew jekk dan sar f’Malta jew barra minn Malta, jew, xjentement kull mod li jkun indahlet sabiex tbieghhom jew tmexxihom, u cioe’ laqghet ghandha prodotti tal-ikel, xorb, ‘costume jewellery’ u/jew oggetti ohra.

Semghat l-ammissjoni ta’ l-imputata kif registrata fl-atti fis-seduta ta’ nhar il-1 ta’ April 2014 ghall-akkuzi kollha migjuba fil-konfronti taghha.

Illi din il-Qorti osservat dak li jiddisponi l-Artikolu 453 (1) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, u cioe’ wara li l-imputata wiegbet li hija hatja, din il-Qorti wissietha b’mod l-aktar solenni fuq il-konsegwenzi legali ta’ dik it-twegiba taghha u tatha zmien xieraq sabiex jekk trid terga’ lura minnha u kien biss wara li staqsietha t-tieni darba li l-Qorti ghaddiet sabiex taghti kaz din l-ammissjoni taghha.

Semghat s-sottomissjonijiet finali mill-Prosekuzzjoni u d-Difiza in kwantu jirrigwarda l-piena.

Illi ghalhekk fuq l-ammissjoni volontarja u nkondizzjonata ta’ l-istess imputata, l-Qorti tiddikjara li ma’ ghandhiex triq ohra salv li ssib lill-imputata hatja ta’ l-akkuzi kollha migjuba kontra taghha.

Ghal finijiet ta’ piena l-Qorti kkunsidrat l-fatt li l-imputata ammettiet fi stadju bikri tal-proceduri u ikkunsidrat ukoll l-fatt li kien hemm koperazzjoni shiha mill-imputata fil-kors tal-investigazzjonijiet.

Ghal dawn il-motivi u wara li rat l-Artikoli 18, 261(c)(f), 267, 270, 334 tal-Kodici Kriminali, l-Qorti ssib lill-imputata hatja tal-imputazzjonijiet kollha migjuba fil-konfronti taghha kif minnha ammessi u b’applikazzjoni tal-Artikolu 7 tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta’ Malta tpoggi lill-imputata taht Ordni ta’ Probation ghall-perijodu ta’ tlett(3) snin millum taht il-kundizzjonijiet ndikati fl-anness digriet.

Il-Qorti tordna li kopja ta’ din is-sentenza tigi notifikata lid-Direttur Ghal Probation Services u Parole.

Wara li rat l-Artikoli 392 A (2) u 401 (3) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, l-Qorti tordna li l-atti kollha ta’ dan il-process flimkien ma kopja tas-sentenza jintbghatu lill-Avukat Generali fiz-zmien li trid il-Ligi.

## < Sentenza Finali >

--------------------------------TMIEM--------------------------------